# IL-KWADRU TAL-IMMAKULATA KUNĊIZZJONI TAL-ISTESS FRATELLANZA

*Kitba ta' Sandro Debono*

***Nota Editorjali:*** *Fl-okkażjoni tal-75 sena mit-tiġrif tal-koppla tal-knisja u d-distruzzjoni tal-altar tal-Immakulata Kunċizzjoni u allura l-ħsara fil-kwadru, ħsibna li nfakkru dan l-avveniment billi nerġgħu nippublikaw silta mill-artiku tal-Kuratur tal-Arti fil-Mużew Nazzjonali, s-Sur Sandro Debono. (Referenza: Sandro Debono,* 'L-Arti u l-ħtieġa għalija: Il-Kult tal-Madonna tal-Ġilju fl-Imqabba u l-opri tal-arti li jixhdu għaliha', *f'Charles J. Farrugia,* Sicut Lilium: Devozzjoni u Ritwal tul is-Sekli, *ed. Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, Mqabba, pp. 455 - 492.). Ir-ritratt sħiħ ta' dan l-inkwadru jinsab fuq il-qoxra ta' wara ta' dan il-ktejjeb.*

L-iżvilupp tal-kult tal-Madonna taħt it-titlu tal-Kunċizzjoni u x-xbihat marbutin miegħu seta' kellhom tlett stadji importanti tul iż-żmien. Kollha marbutin ma' ġrajjiet li Malta, kif wkoll l-Imqabba, għaddiet minnhom. Fil-bidu jidher li l-kult nibet minn ħtieġa f'mument diffiċli għal pajjiżna. Aktar tard il-kult issaħħaħ hekk kif inbena artal ġdid, għal dak iż-żmien modern, li aktar tard kien il-benniena tal-Arċikonfraternità tal-Kunċizzjoni. It-tielet waqt marbut max-xbihat li l-kult kien jinħtieġ, l-aktar importanti fosthom tkun il-vara proċessjonali.

Id-dedika tal-artal tibqa' l-punt tat-tluq għat-tipoloġija ta' arti u s-simboliżmu reliġjuż meħtieġ. Bidla fid-dedika tal-artal, li flok tal-Madonna tas-Sokkors jibda jsir aktar magħruf bħala tal-Kunċizzjoni, tissemma għall-ewwel darba fil-Viżta Pastorali li l-Isqof Molina jagħmel fl-Imqabba nhar l-erbgħa ta' Mejju 1679. Il-Knisja li żar l-Isqof Molina dakinhar kienet dik l-antika mibnija fil-bidu tas-seklu sbatax.[1] Kienu żminijiet diffiċli, tlett snin wara li f'Malta kienet faqqgħet il-pesta u ħalliet warajha 'l fuq minn 11,000 ruħ mejta. L-Ordni ta' San Ġwann, taħt it-tmexxija tal-Gran Mastru Nikol Cottoner, ħass li kellu jagħmel wegħda biex jeħles minn dak li f'diversi manuskritti tal-Ordni ta' San Ġwann jissejjaħ bħala flaġell divin mibgħut b'kastig.[2] Għal dan l-għan, jdur lejn l-Immakulata Kunċizzjoni hekk kif ħmistax-il sena qabel, nhar it-tmienja ta' Diċembru 1661, il-Papa Alessandru VII kien ħabbar il-kostituzzjoni Apostolika tiegħu "Sollicitudo Omnium Ecclesiarum". Il-wegħda solenni kellha titwettaq fil-bini tal-knisja ta' Sarria fil-Furjana li l-ewwel ġebla tagħha tqiegħdet b'mod solenni nhar it-tmienja ta' Diċembru 1676. L-konsagrazzjoni tal-knisja seħħet f'Ġunju 1679, fl-istess żmien li l-Isqof Molina kien qed iżur l-Imqabba. Ma jistax jonqos li l-aħbar ta' dan kollu nxterdet ma' kull rokna ta' gżiritna, wkoll fir-raħal tal-Imqabba, li sofra mhux ftit il-ħruxija tal-pesta.[3] Meta mqabbla mal-irħula tal-inħawi, r-rata tal-imwiet fl-Imqabba kienet waħda għolja ta' madwar 10%.[4] Ma setax jonqos, għaldaqstant, li dak kollu li kien qed jiġri u r-rimedji li kienu qegħdin jitwettqu b'konsegwenza tal-mxija tal-pesta jkollu effett fuq ir-raħal żgħir tal-Imqabba. It-tibdil fid-dedika tal-artal tal-Kunċizzjoni, li fuqu issa nsibu xbieha tal-Kunċizzjoni li dwarha m'għandniex wisq ħjiel, kif wkoll lampier li jibda jinżamm mixgħul kuljum jixhdu għal dan.[5]

F'dawn iż-żminijiet jieħu spinta 'l quddiem il-bini tal-knisja l-ġdida. L-impenn għal dan il-proġett jidher li ssaħħaħ waqt il-Viżta Pastorali tal-1663, iżda l-ewwel ħjiel ta' knisja fi stat avvanzat ta' kostruzzjoni li jagħtuna l-viżti pastorali, tingħata mill-Isqof Davide Cocco Palmieri nhar l-erbgħa ta' Mejju 1686.[6] F'din il-Viżta għandna għall-ewwel darba deskrizzjoni importanti tal-kwadru tal-artal tal-Kunċizzjoni li kien għadu kemm tpitter. Id-deskrizzjoni li jagħti l-Isqof Cocco Palmieri ma tħalli l-ebda dubju li l-kwadru hu dak li llum jinsab f'waħda mis-sagristiji tal-knisja parrokkjali. L-Isqof jiddeskrivi kwadru li juri x-xbieha ta' Marija Immakulata u Sant'Anna iżda ma jsemmi xejn dwar il-parti ta' isfel fejn jidhru l-erwieħ tal-purgatorju. Iżid jgħid li dan il-kwadru kien għadu kemm sar ġdid frott id-devozzjoni ta' ċertu Pasquale Zammit. Ix-xena dettaljata għall-aħħar li llum tidher fin-naħa t'isfel tal-kwadru turi qassis liebes l-abiti ferjali waqt il-konsagrazzjoni hekk kif jgħolli l-ostja 'l fuq għall-qima tal-fidili. L-artal li qed iqaddes fuqu jinsab imħejji sewwa b'dak kollu meħtieġ għall-quddiesa. Jidher ukoll abbati jassisti liċ-ċelebrant filwaqt li l-ġemgħa erwieħ tal-purgatorju jidhru f'riġlejn l-artal b'xi wħud minnhom tilgħin 'l fuq meħlusa mill-piena. Din ix-xena tissemma aktar tard fil-Viżta tal-Isqof Gaspare Gori Mancini (1722-27) li saret nhar is-Sibt l-ewwel ta' Mejju 1723.[7] Sa dak iż-żmien l-artal kien sar magħruf bħala tal-Kunċizzjoni, Sant'Anna u l-Erwieħ tal-Purgatorju.

Il-kwadru hu mibni madwar dehra tal-Madonna maqtugħa fuq is-sħab filwaqt li Sant'Anna, bilqiegħda fuq quddiem, bħal turi 'l Madonna b'idha l-leminija lill-miġemgħa ta' fidili li jaf tkun issegwi r-ritwal marbut ma' artal bħal dan. Il-kwadru juri verżjoni tal-Kunċizzjoni hekk kif impittra mill-pittur Spanjol Bartolome Esteban Murillo (1617-82) fuq ispirazzjoni tad-deskrizzjoni ta' San Ġwann fl-Atti tal-Apokalissi u li kienet magħrufa sewwa bis-saħħa ta' inċiżjonijiet u stampi.[8]. L-ikonografija hi tabilħaqq konservattiva u torbot mal-mod korrett kif Sant'Anna tkun rappreżentata wara l-Konċilju ta' Trentu; l-omm naturali ta' Marija Immakulata kellha tidher bħala struttriċi jew għalliema li tħejji lil Omm Alla għall-missjoni tagħHa f'din l-art.



*Sant' Anna żżomm ktieb f'ida x-xellugija.*



*L-Uċuħ tal-puttini miżjuda aktar tard.*

Dan jixhdu l-ktieb voluminuż li Sant'Anna żżomm f'idha x-xellugija. Is-separazzjoni bejn l-ispazju temporali li fih qiegħda Sant'Anna u dak spiritwali fejn tidher il-Madonna huwa ċar. Fl-ispirtu l-kwadru hu tabilħaqq qrib dak ta' Mattia Preti (1613-99) li juri dehra tal-Madonna li tinterċedi f'mument diffiċli, bħal dak li ħolqot il-pesta, għas-salvazzjoni tal-erwieħ u l-faraġ ta' dawk li ħallew warajhom. L-għażla tax-xbihat kien wieħed li jinftiehem mill-ewwel għaliex il-ħtieġa kienet il-kult u l-qima b'għan t'interċessjoni meta meħtieġa.

L-viżti pastorali jagħtuna żewġ dati għal din l-opra; l-kwadru jidher li sar għall-ħabta tal-1686. Ix-xena bl-erwieħ tal-purgatorju żdiedet mhux aktar tard minn Mejju 1723. Il-kwadru kif jidher hu xogħol żewġ artisti Maltin li ħadmu separatament minn xulxin, fi żminijiet u għal raġunijiet differenti. Il-partijiet oriġinali li kienu juru biss lil Sant'Anna u l-figura tal-Madonna huma stilistikament qrib ix-xogħol tal-pittur Stefano Erardi (1630-1716). Il-piegi huma sodi u twal mingħajr ħafna dettalji żejda, b'daqqiet sodi u deċiżi tal-pinzell li jixhdu l-id ta' pittur matur filwaqt li l-uċuħ, il-karnaġġjonijiet, il-mod ta' kif tissawwar il-panneġġjatura u t-tqegħid tal-figuri fil-kompożizzjoni jfakkruna f'xogħlijiet oħrajn ta' Erardi bħal, ngħidu aħna, il-kwadru tal-Lunzjata li jinsab fil-Knisja tal-Lunzjata f'Ħaż-Żebbuġ u dak tal-Madonna tal-Pilar fil-knisja tal-Pilar fil-Belt Valletta. Il-kompożizzjoni tal-kwadru u l-pożizzjoni tal-figuri fil-kwadru jiffurmaw djagonal mingħajr ma l-awtur iżid anġli jittajru u figuri oħrajn. Sant'Anna u l-anġlu fuq il-lemin tal-kwadru jibbilanċjaw lil xulxin filwaqt li jtellgħu l-ħarsa 'l fuq lejn il-Madonna, s-suġġett tal-kwadru. Passaġġi partikolari bħal, ngħidu aħna, il-mant isfar fuq ħoġor Sant'Anna ħarġu minn id artist ta' esperjenza li jagħraf isawwar panneġġ b'erbà daqqiet sodi tal-pinzell. Dettalji oħrajn bħal, ngħidu aħna, s-sħab kemxejn iebes u repetittiv li naraw fl-isfond, jista' jkun xogħol xi assistenti jew aljievi li seta' kellu Erardi.

Stefano Erardi hu wieħed mill-aktar awturi importanti tas-seklu sbatax.[9] Jidher li kellu personalità artistika b'saħħitha għaliex xogħlu ma jimitax dak ta' Mattia Preti li kien l-artist dominanti ta' żmienu. Jidher li kien jagħmel ħafna użu minn stampi u disinji li kellu f'idejh u għaldaqstant xogħlu xi minn daqqiet jidher xi ftit derivattiv. Jidher li minkejja kollox irnexxielu jpitter bosta xogħlijiet għall-knejjes u għal kollezzjonisti privati. Il-kwadru tal-artal tal-Kunċizzjoni hu tabilħaqq wieħed mix-xogħlijiet tardivi tal-artist fi żmien meta ma jibqax jaħdem daqstant kummissjonijiet tax-xorta tiegħu. Tabilħaqq, Erardi pitter l-akbar kwadru tiegħu, il-kwadru titulari tal-Knisja ta' San Pawl, (Rabat, Malta), fi żminijiet ta' wara l-pesta tal-1676. Il-kwadru, iffirmat u ddatat 1678, huwa fost l-aktar xogħlijiet ambizzjużi ta' Erardi. Erardi jnaqqas bil-bosta minn dawn it-tip ta' kummissjonijiet wara din l-opra importanti. Xogħlu jsir aktar minn qatt qabel derivattiv u jidher li jiffoka ħafna aktar fuq xogħlijiet żgħar.[10] Il-kwadru tal-Imqabba għaldaqstant jista' jkun wieħed mill-ftit kwadri tal-artali li setgħu ħarġu minn taħt idejn Erardi fil-maturità tiegħu.

L-id l-oħra li nilmħu fil-kwadru żiedet ż-żewġ sħabiet żgħar fil-għoli, waħda fuq kull naħa tal-Madonna, li jsawwru sfond għal żewġ puttini fuq kull naħa. Il-parti t'isfel fejn jidhru l-erwieħ quddiem l-artal tal-quddiesa hija xogħol l-istess id u ż-żewġ passaġġi huma tabilħaqq inferjuri fil-kwalità għall-bqija tal-kwadru. Dan jidher li jista' jkun xogħol ta' Pasquale Buhagiar li nafu li miet f'Marzu 1711 fl-età ta' 45 sena. Pasquale kien skultur u pittur, missier il-pittur Ġian Nicola Buhagiar (1698-1752). Ftit li xejn hu magħruf dwar x-xogħlijiet tiegħu li fost dawn insibu l-kwadru titulari tal-Assunta tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħ'Attard impitter fl-1681 u li kien sar taħt id-direzzjoni tal-pittur Mattia Preti.[11] Kwadri oħrajn li jinsabu fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ ġew attribwiti lilu dan l-aħħar u jkomplu jixħtu dawl ġdid fuq ħidmet dan il-pittur u skultur li ftit li xejn hu magħruf.[12] Jidher xebh ċar bejn it-tipoloġija tal-uċuħ u t-tiftix għad-dettall fil-kwadri ta' Ħaż-Żebbuġ attribwiti lil Pasquale Buhagiar u dak li jidher li żdied fil-kwadru tal-Kunċizzjoni tal-Imqabba. Madankollu d-dokumenti ma jaqblux mal-analiżi stilistika. Għalkemm Pasquale Buhagiar miet f'Marzu tal-1711, il-passaġġi miżjuda fil-kwadru

jissemmew għall-ewwel darba fil-Viżta Pastorali li l-Isqof Gori Mancini għamel fl-Imqabba f'Mejju 1723, tnax-il sena wara l-mewt tal-pittur.[13] Jidher li dan l-intervent fuq il-kwadru hu marbut mat-twaqqif ta' Sodalità tal-Erwieħ tal-Purgatorju li l-viżta pastorali żżid tgħid li twaqqfet xi ftit taż-żmien qabel u li bdiet tagħmel użu minn dan l-artal. Ma nistgħux neskludu l-possibiltà li l-Isqof Cannaves jħalli barra referenza għal dan it-tibdil fil-kwadru fil-viżta pastorali tal-1717. Din ix-xena hi biss dettall żgħir li ma jintlemaħx malewwel daqqa t'għajn għalkemm ma jtellifx mill-bilanċ li għandu l-kwadru. Aktar riċerka tista' tixħet dawl ġdid u tiċċara din l-attribuzzjoni.

Il-kwadru ma jibqax opra iżolata fuq l-artal tal-Kunċizzjoni. Aktar tard jiżdied wkoll kwadru bi xbieha tal-Ispirtu s-Santu li jkompli jikkonsolida s-simboliżmu mixtieq. L-artal kompla jiżżejjen fl-1693 bil-bini tal-prospettiva b'żewġ kolonni.[14] Iżda l-artal jidher li jibbed lejh devozzjoni mġedda meta għall-ħabta tal-1737 jitqiegħed fuqu kwadru tal-bambin Ġesù.[15] Fi ftit taż-żmien d-devozzjoni li jnibbet titkattar u twassal għal għotjiet ta' deheb u fidded b'ringrazzjament għal wegħdi milqugħa. Il-kwadru tal-Bambin Ġesù hu tabilħaqq eċċezzjoni għaliex l-enfasi kienet fuq figura jew xbieha tax-xemgħa f'urna maħduma apposta u li diversi parroċċi kienu akkwistaw sa dan iż-żmien.[16]

Fl-1779 jasal wkoll il-korp sant ta' San Innoċenzju li kompla seddaq l-importanza ta' dan l-artal bħala ċentru ta' qima u kult.[17] Il-korp ta' San Innoċenzju martri kien parti minn grupp imdaqqas ta' relikwi ta' qaddisin li nġiebu minn Ruma minn nofs is-seklu tmintax 'l quddiem. Il-fdalijiet kienu jissawru fl-għamla tal-figura umana mlibbsin bil-ħwejjeġ naturali li donnhom jreġġgħu lura fost il-ħajjin lill-qaddis mixħut minn tulu rpużat. Bla dubju wħud minnhom



*Dettall mill-kwadru tal-Immakulata Kunċizzjoni li juri l-qassis iqaddes u l-erwieħ tal-Purgatorju.*

kebbsu devozzjonijiet ġodda li jagħtuhom importanza u mertu. Il-korp ta' Santa Liberata, mogħti lill-Knisja tal-Patrijiet Kapuċċini fl-1752, jwassal biex il-knisja ssir magħrufa bħala ta' Santa Liberata minkejja li d-dedika tal-knisja u l-kwadru titulari huma lejn Santa Barbara.[18] Il-kult ta' San Kurunat fin-Nadur (Għawdex) jsir importanti daqs dak tat-titular tal-Parroċċa (San Pietru u San Pawl) u saħansitra jinħatar kopatrun u protettur tal-parroċċa.[19] San Valentinu f'Ħal Balzan jsir it-tieni patrun tal-parroċċa wara Marija Annunzjata.[20] Bħal fil-każ ta' San Innoċenzju, bosta minnhom jinġarru lejn il-knejjes rispettivi tagħhom b'sollennità u f'atmosfera ta' festa.[21] Fl-istess żmien li nġab dan il-korp sant għall-parroċċa tal-Imqabba, jingħata ieħor ta' San Klement martri lill-parroċċa tal-Għarb (Għawdex).

Inċiżjoni tax-xbieha ta' San Innoċenzju turi l-qaddis minn tulu f'urna elaborata.[22] Il-qaddis jidher mistrieħ bħal donnu f'raqda, b'sejf fejn riġlejh u palma simbolu tal-martri f'idu x-xellugija. Tidher wkoll urna fejn saqajh li probabbilment kellha xi fdalijiet mid-demm tal-qaddis. Ix-xbieha taqbel ma dawk li nsibu f'parroċċi oħrajn u nistgħu ngħidu li kien hemm stil għal dawn ix-xbihat li San Innoċenzju martri kien wkoll maħdum fuqu.


Referenzi

1 L. Zammit, *Descrizioni Storica tal-Knisja Parrokkjali tal-Mqabba*, Malta 1927, 11
2 AOM, *Liber Conciliorum Status*, 1672-1686, f. 49v.
3 C. Farrugia, 'Il-Pesta fl-Imqabba; ġerħa ta' 320 sena ilu' fil-*Kunsill Lokali Mqabba*, nru. 7, Awwissu 1996, 8.
4 N. Buttigieg, 'Terra Micabba fi Żmien l-Ordni ta' San Ġwann', f'C. Farrugia, *L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien*, Malta, 1998, 55.
5 Dettalji dwar il-viżta pastorali jinsabu fl-artiklu ta' Simon Mercieca f'dan il-ktieb.
6 L. Zammit, op.cit., 14-17.
7 Dettalji dwar il-viżta pastorali jinsabu fl-artiklu ta' Simon Mercieca f'dan il-ktieb.
8 Il-kwadru jinsab fis-sala tal-knisja li fiha jinħażen l-armar u jinħtieġlu attenzjoni immedjata u restawr.
9 Dwar Stefano Erardi ara B. Scicluna, '*A Stylistic Analysis of Stefano and Alessio Erardi's Paintings*', Teżi mhux ippubblikata, Dipartiment tal-istorja tal-Arti, Università ta' Malta, 1997. Għal introduzzjoni għal Stefano Erardi li tiġbor fiha attribuzzjonijiet ġodda ara K. Sciberras, *Baroque Painting in Malta*, Midseabooks 2009, 207-237.
10 K. Sciberras, op. cit., 228.
11 J. Debono, *Art and Artisans in St John's and other Churches in the Maltese Islands ca. 1650-1800*, Malta, 2005, 111.
12 K. Sciberras, 2009, 249-251
13 Informazzjoni dwar il-Viżta Pastorali ta' Mancini tinsab fl-artiklu ta' Simon Mercieca f'dan il-ktieb.
14 A. (rkivju tal-) K.(attidral) M.(dina), *Conti Micabiba 1688-1744*, Box 46, No. 2a. f. 9.
15 Dettalji dwar il-viżta pastorali jinsabu fl-artiklu ta' Simon Mercieca.
16 S. Debono, 'Il-Vara u l-Altar tal-Madonna tar-Rużarju' fil*Programm Festa Għaqda Mużikali Beland*, Malta, 2006.
17 Dettalji dwar il-viżta pastorali jinsabu fl-artiklu ta' Simon Mercieca.
18 J. Garzia, *Il-Kapuċċini fil-Kalkara: Storja u Devozzjonijiet*, Malta, 2003, 69-80
19 D. Camilleri, *San Koronatu Martri Meqjum fil-Knisja Kolleġġjata Bażilika tan-Nadur*, Malta, 2004, 58, 59.
20 G. Dimech, Ħal Balzan – Ġrajjietu sa l-1999, Malta, 2004, 138,139.
21 Għal deskrizzjoni tal-wasla ta' San Innoċenzju fl-Imqabba u l-festi li saru are J. Bonello, 'Il-Festi Kbar li saru fl-Imqabba għall-wasla tal-Martri San Innoċenzju, Ġrajja tal-1779 li ma għandha tintesa qatt', Leħen is-Soċjetà Mużikali tal-Ġilju, (Malta 1994), 69.
22 Kopja ta' din l-inċiżjoni propjetà tal-editur ta' din il-pubblikazzjoni qed tkun pubblikata wkoll f'dan il-Programm tal-festa mad-diskors ta' Dr Charles Farrugia li sar fil-ftuħ tal-Ġnien Madonna tal-Ġilju.

